**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI (SEDE INFERJURI)**

**ONOR. IMHALLEF DR EDWINA GRIMA LL.D.**

Seduta tal-25 ta' Ottubru 2018

Appell numru 597/2012

Il-Pulizija

Vs

Joseph Mifsud

Noel Justin sive Noel Bartolo

Maria Concetta sive Cettina Spiteri

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Joseph Mifsud, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 428642M, l-imsemmi Noel Justin sive Noel Bartolo, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 855553M, u l-imsemmija Maria Concetta sive Cettina Spiteri, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 710756M, akkuzatI quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

**Nhar it-28 ta' Mejju, 2001, u matul is-snin ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:**

**1. Bhala ufficjali jew ufficjali pubblici; hadu interess privat f'affari li dwarha kienu nkarigati jaghtu ordnijiet, jaghmlu likwidazzjonijiet, arrangamenti jew hlasijiet ta' kull xorta li jkunu u kkagunaw hsara b'qerq lill-amministrazzjoni illi maghha l-affari jkollha x'taqsam u cioe' l-Gvern ta' Malta;**

**2. U aktar talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, bhala uficcjali jew impjegati pubblici, dolozament bi ksur tad-dmirijiet taghhom, ghamlu jew naqsu li jaghmlu xi att, b'taghkis jew bi hsara ta' haddiehor u cioe' il-Gvern ta' Malta u/jew persuni ohra;**

**3. U aktar talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, bhala ufficjali jew impjegati pubblici, meta kitbu atti li jidhlu fid-dmirijiet tal-kariga taghhom, biddlu bil-qerq is-sustanza jew ic-cirkostanzi taghhom, sew billi nizzlu pattijiet diversi minn dawk li jkunu gew iddettati jew maghmula mill-partijiet, kemm billi ddikjaraw bhala very fatti foloz, jew bhala fatti maghrufa dawk li ma kienux;**

**4. U aktar talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom infushom jew ghal haddiehor, f'xi document mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz;**

**Kif ukoll Joseph Mifsud wahdu qed jigi akkuzat:**

**5. Talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, ghal xi vantagg privat tieghu, ghamel uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi kienu gew fdati lilu minhabba l-kariga jew impjieg tieghu jew seraqhom;**

**6. Talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor u cioe' s-somma ta' aktar minn elf Lira Maltija (Lm1,000) ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta liema somma ta' flus kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u liema haga kienet fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc,**

**amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu jew minhabba depozitu necessarju;**

**7. Kif ukoll talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer ghamel qliegh ta' aktar minn elf Lira Maltija (Lm1,000) b'qerq ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;**

**8. U aktar talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer bhala ufficjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew bhala mpjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk kellu kemm jekk ma kellux jedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, taht il-libsa tal-kariga tieghu esiga dak li l-Ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-Ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-Ligi, liema rea tsar b'abbuz ta' awtorita';**

**9. U finalment talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, rcieva, jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' rigal fi flus, jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor li ghalih hu ma kellux jedd, u barra milli accetta l-hlas, il-weghda jew l-offerta, filfatt naqas li jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel.**

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-5 ta' Dicembru, 2012, fejn il-Qorti, waqt illi ddikjarat procediment ezawrit fil-konfront tal-imputati Maria Concetta sive Cettina Spiteri u fil-konfront ta' Noel Justin sive Noel Bartolo, ddikjarat procediment ezawrit fil-konfront tal-akkuzi kollha migjuba kontra Joseph Mifsud hlief fil-konfront ta' dawk li kkoncernaw is-sejba ta' deheb fid-dar ta' residenza tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-24 ta' Dicembru, 2012, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tannulla, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tiddisponi minn din il-kawza skond il-Ligi.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma s-segwenti w cioe':-

> Illi fil-11 ta' Dicembru, 2012, l-esponent rcieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta), permezz tas-sentenza taghha kif hawn fuq riferita, inter alia bbazat il-konkluzjoni taghha fuq interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ipotezi tal-Ligi procedurali u sostantiva, u ghaldaqstant, l-esponent qieghed jinterponi dan l-umli appell, inter alia ai termini tal-artikolu 413 (1) (b) (iv) (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
>
> 1. **<u>In-nullita tas-sentenza</u>**
>
> a. Is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) hija nulla in kwantu hija difettuza minn wiehed mir-rekwiziti essenzjali skond il-Ligi. Dan l-argument huwa bbazat fuq il-fatt illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta), filwaqt li donnha ddecidiet li tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata matul il-kors tal-proceduri fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha li bihom gew mixlija l-imputati appellati Noel Justin sive Noel Bartolo u Maria Concetta sive Cettina Spiteri, dik l-istess Qorti ddikjarat il-procediment kontra taghhom ezawrit. Izda fl-istess hin naqset milli tiddikjara espressament li kienet qed tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u naqset milli tiddeciedi li kienet qed tilliberahom mill-istess imputazzjonijiet.
>
> b. Oltre minn hekk, apparti dawn l-istess konsiderazzjonijiet fil-konfront ta' Joseph Mifsud, filwaqt li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) ddikjarat il-procediment ezawrit fil-konfront tieghu wkoll, hawnhekk naqset milli tindika kjarament fil-konfront ta' liema imputazzjonijiet kienet qed tiddikjara tali procediment ezawrit. Izda fil-kontemp, dik il-Qorti naqset milli tiddeciedi wkoll fl-istess sentenza l-meritu tal-imputazzjoni fil-konfront ta' Joseph Mifsud relattivament dawk li jikkoncernaw is-sejba ta' deheb fid-dar ta' residenza tieghu u dan peress li f'dan ir-rigward, dik il-Qorti baqghet kompletament siekta fis-sentenza taghha.

c. Fl-umli fehma tal-esponent, dan il-modus operandi procedurali jwassal ghan-nullita tas-sentenza appellata in kwantu ma tosservax ir-rekwiziti procedurali msemmija fil-Kodici Kriminali.

d. Anke jekk, gratia argomenti, din l-Onorabbli Qorti tirritjeni li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-sentenza taghha laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata, dan ikun ifisser li din il-Qorti tkun qed tirrikonoxxi li bid-decizjoni taghha, l-Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet qieghda testingwi l-meritu tal-azzjoni penali fil-konfront tal-ko – imputati relattivament ghal dawk l-imputazzjonijiet li kienu ritenuti milquta mill-preskrizzjoni (ghalkemm anke hawn, ma gewx specifikati kjarament almenu zgur fil-konfront ta' Joseph Mifsud) u dan ikun ifisser illi dik is-sentenza kienet wahda li tidderimi l-meritu tal-azzjoni u mhux xi digriet li jolqot aspett incidentali matul il-kors tal-proceduri d-determinazzjoni ta' liema ma jostakolax l-andament tal-azzjoni penali.

e. Pero fl-umli fehma tal-esponent precizament ukoll minhabba f'hekk, f'din is-sentenza dik il-Qorti ma setghetx tispezzetta imputazzjonijiet minn ohrajn b'mod li tippronunzja ruhha fuq sett t'imputazzjonijiet u mhux fuq ohrajn ukoll. Anke jekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tista' titqies li hija eccezzjoni ta' natura preliminari, xorta jibqa l-fatt li jekk akkolta, din l-eccezzjoni tidderimi l-azzjoni penali relattivament ghal dawk l-imputazzjonijiet milquta mill-preskrizzjoni. Fl-ahhar mill-ahhar hawnhekk kien il-kaz li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni giet milqughha u mhux michuda, f'liema ipotezi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet tkun gustifikata li tordna l-prosegwiment tal-kawza.

f. Izda stante li din il-procedura hija intavolata quddiem il-Qorti tal-Magistrati r-regoli applikabbli huma dawk pertinenti ghal din il-Qorti u mhux dawk applikabbli ghall-Qorti Kriminali. B'hekk fis-sentenza taghha l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali setghet legalment tiddeciedi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, hija mill-banda l-ohra ma setghetx pero taghmel dan permezz ta' sentenza parzjali – izda kellha taghmel hekk permezz ta' sentenza definittiva li tidderimi l-meritu tal-akkuzi kollha migjuba ghall-Gudizzju taghha u mhux tiddeciedi parti mill-imputazzjonijiet fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u thalli imputazzjonijiet ohrajn fil-konfront ta' ko – imputat minnhom mhux decizi.

g. L-esponent jemmen illi dik il-Qorti kellha tipprocedi sabiex, fl-istess sentenza, tippronunzja ruhha wkoll rigward l-imputazzjoni msemmija fil-konfront tal-imputat appellat Joseph Mifsud li ma kienetx milquta mill-preskrizzjoni. Fl-umli fehma tal-esponent mhux possibli li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-sentenza taghha thalli mputazzjonijiet mhux decizi. (Ara dak li gie ritenut minn din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza 'Il-Pulizija vs Generoso Sammut' deciza nhar it-13 ta' Ottubru, 2004). F'dan il-kaz is-sentenza ma tistax tigi salvata fuq il-bazi tad-dettami tas-sentenza 'Il-Pulizija vs Joseph Aquilina' moghtija minn din l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta mill-Prim Imhallef Emeritus Vincent De Gaetano nhar l-24 ta' April, 2002, fejn gie deciz li kien possibli li htija u l-piena jigu stabbiliti f'zewg partijiet distinti, u dan peress li f'dan il-kaz ghandek il-karenza tad-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) dwar is-sejbien tal-htija o meno.

h. Fl-umli fehma tal-esponent, il-procedura adoperata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) f'dan il-kaz, ma tissodisfax ir-rekwiziti procedurali li jirregolaw l-ghoti tas-sentenzi u dawn in-nuqqasijiet iwasslu ghan-nullita tas-sentenza msemmija.

2. **<u>Nuqqas t'applikazzjoni tal-preskrizzjoni ghar-reati de quo.</u>**

Fil-fehma tal-esponent, anke jekk din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) hija salvabbli, xorta jibqa l-fatt li d-decizjoni taghha hija bbazata fuq interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ipotezi tal-Ligi u interpretazzjoni zbaljata tal-fatti migjuba quddiemha.

A skans ta' ripetizzjoni tal-argumentazzjoni relattiva, l-esponent qieghed jaghmel riferenza ghan-noti ta' sottomissjonijiet maghmula mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz u ghal fini ta' dan l-appell, ghall-ekonomija tal-ispazju u tal-hin qieghed jadotta l-linja argumentattiva hemmhekk adoperata fin-nota ta' sottomissjonijiet u fil-kazijiet hemmhekk riferiti u annessi mal-istess nota u mhux ser jirrepeti l-punti diga epurati u elaborati hemmhekk. Ghall-fini ta' dan l-appell huwa qieghed jissuplimenta tali argumenti bis-segwenti.

F'dan il-kaz, il-Pulizija Ezekuttiva, sa mill-bidu nett insistiet fuq l-applikazzjoni tal-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali fil-konfront tal-imputazzjonijiet kollha kontestati lill-imputati f'dan il-kaz. Ghalkemm hemm kontroversja legali dwar l-effett ta' dan l-artikolu fuq it-terminu preskrittiv, fl-umli fehma tal-esponent li l-effett ta' dan l-artikolu kellu jkun li ghall-fini tad-determinazzjoni tal-perjodu preskrittiv dan l-artikolu kellu jittiehed in konsiderazzjoni.

Inoltre, jirrizulta wkoll li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) ma laqghetx l-argumenti tal-Prosekuzzjoni relattivament ghall-applikabbilita tal-artikolu 692 tal-Kodici Kriminali f'dan il-kaz. Bid-dovut rigward, din kienet konkluzjoni zbaljata li kellha effett devastanti fuq dan il-kaz. L-esponent itenni li r-reati de quo gew ghall-attenzjoni tal-Pulizija Ezekuttiva biss grazzi ghad-denunzja tat-28 ta' Mejju, 2001. Qabel dik id-data, l-Pulizija Ezekuttiva ma kienetx taf bil-kommisjoni tar-reat. Naturalment min ikkommetta r-reati kellu kull interess immaginabbli biex dan il-fatt jibqa mistur u ma jkunx mikxuf mill-Awtoritajiet kompetenti. Izda dan ma giex apprezzat sufficjentement mill-Qorti tal-Magistrati.Il-mod ta' kif il-ksur tal-Ligi kien qieghed isir f'dan il-kaz kien permezz ta' modus operandi verament fin u sottili. U kien grazzi ghall-istratagemmi malizjuzi tal-imputati li r-reati ma setghux jigu mikxufa qabel. F'dan is-sens l-esponent itenni li d-dettami fil-kaz 'Il-Pulizija vs Anthony Sultana' deciz nhar it-18 ta' Mejju, 2011 ghandu japplika f'dan il-kaz. Anzi l-Monte di Pieta, hekk kif intebah li setgha kien qed isir xi abbuz agixxa immedjatament. Il-Pulizija bdiet tinvestiga dan il-kaz u sussegwentement hadet l-azzjoni.

Apparti minn hekk jekk il-kaz fil-konfront tal-imputat appellat Joseph Mifsud gie ghall-attenzjoni tal-Pulizija Ezekuttiva nhar it-28 ta' Mejju, 2001, l-involviment tal-ko – imputati l-ohra ma haregx fil-berah hlief f'Ottubru, 2001 wara li kien sar l-awditjar mill-persuna mqabbda mill-Monte di Pieta. F'dan il-perjodu kollu, l-involviment taghhom ma kienx maghruf lill-Awtoritajiet kompetenti li setghu jipprosekwixxu f'dan il-kaz, li zgur ma kienetx il-Monte di Pieta izda l-Pulizija Ezekuttiva.

> To this theoretical reasoning, our Code had made an important exception. Sec. 664 (illum art. 692) lays down that in respect of crimes prescription does not run when the offender is unknown. This word 'unknown' has been construed as meaning a total and absolute ignorance of the identity of the offender and not any difficulty of convicting of the crime a person reasonably suspected of being the offender?
>
> In Criminal Appeal 'Formosa v. Zarb Cousin (Law Reports, Vol. XXV, Pt. Iv, p. 936) it was stated that the provision that prescription does not run in respect of crimes when the offender is unknown must receive the strictest interpretation which harmonises it with the basic principles on which prescription is founded in criminal matters. The rule does not apply where the commission of the crime itself is

unknown to the complainant or to the prosecutor. The word unknown must be understood in an absolute way and not as referable to the complainant or prosecutor alone, and it is necessary that the impossibility of discovering the offender's identity be due to the malice or practices of the offender himself and not, for instance, to the absence of the complainant or prosecutor from these islands.

The same principle that the ignorance of the commission of the crime itself, as distinct from the ignorace as to the author thereof, does not prevent the running of prescription was also affirmed in Criminal Appeal Police v. Coleiro, 26/7/412, because as the Court observed, the rule 'contra non valentem agere non currit praescriptio' admitted in Civil Law, did not apply in criminal matters (cfr. Also Cr. App. Police v. Agius, 3/2/47).

F'dawn il-kazijiet bosta drabi jigi citat dan il-bran mehud minn Noti tal-Professur Sir Anthony Mamo fejn jiddeskrivi skont il-fehma tieghu meta l-artikolu 692 huwa jew ma huwiex applikabbli. Fil-fehma tal-esponent, hawnhekk ma jittrattax il-kaz li l-Pulizija jew il-Kwerelant injoraw l-ezistenza tal-kommissjoni tar-reat kriminali, jew ghax kien hemm suspettat li l-Pulizija ghazlet li torqod fuq il-kaz tieghu wara li sar maghruf jew li kien hemm xi impediment legittimu ghall-ezercizzju tal-azzjoni kriminali. Hawnhekk kellek azzjoni deliberata ta' min kien qieghed jiddelinkwi li sab lilu nnifsu f'sitwazzjoni ideali ta' kontroll fuq l-operat tieghu b'mod li minflok uza s-sistema skond il-Ligi, ghawweg delibberatament is-sistema b'mod li jkun jista' jiehu vantaggi personali u pekunjarji kontra l-Ligi. Sfruttaw is-sistema a vantagg taghhom kontra l-Ligi grazzi ghall-malizzja li adoperaw matul is-snin biex ma jigux maqbuda.

Apparti minn hekk hemm ukoll sentenza li f'kazijiet bhal dawn id-Difiza ticcita b'sostenn ghall-argument taghha. Din hija s-sentenza 'Il-Pulizija vs Mikiel Agius' deciza mill-Imhallef Dottor William Harding nhar it-8 ta' Frar, 1947. Fl-umli fehma tal-esponent, diversi drabi din is-sentenza tigi citata mid-Difiza b'mod li tigi riprodotta s-silta misjuba fis-sunta ta' din is-sentenza kif pubblikata li meta tigi mehuda mill-kuntest shih taghha twassal li tigi tinftiehem bl-oppost tat-tifsira proprja li tohrog minn din is-sentenza.

F'dak il-kaz, Mikiel Agius kien gie mixli quddiem il-Qorti Kriminali tal-Magistrati ta' Malta li kkommetta r-reat ta' ricettazzjoni. B'sentenza tal-5 ta' Dicembru, 1946 dik il-Qorti ddikjarat l-azzjoni preskritta. L-Attorney General kien appella minn dik is-sentenza.

In-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet f'dak il-kaz kien relattivament ghal meta bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni ta' sentejn – u cjoe jekk hux minn meta l-appellat Mikiel Agius kien partat pubblikament il-karrettun allegatament misruq fil-pjazza tas-Saqqajja r-Rabat, jew inkella jekk hux minn meta sid il-karrettun, Sciortino, sar jaf ghand min kien il-karrettun u dan cirka Ottubru tal-1946. Il-Prosekuzzjoni f'dak il-kaz sostniet li z-zmien ta' qabel din id-data ma kellux jittiehed in konsiderazzjoni ghaliex 'il-hati kien maghruf'.

Il-Magistrat f'dak il-kaz kien ikkonkluda li din id-disposizzjoni ekwivalenti ghall-Artikolu 692 tal-Kodici Kriminali odjern ma kienetx applikabbli minhabba li l-hati ma kienx maghruf relattivament biss ghall-offiz u ghal ragunijiet mhux attribwibbli lill-hati, mentri biex japplika dan l-Artikolu kien hemm bzonn li l-hati ma jkunx maghruf f'sens generali u obbjettiv u minhabba prattiki malizzjuzi tal-hati.

Il-Magistrat kien sejjes il-konkluzjonijiet tieghu fuq is-sentenza tal-Qorti Kriminali fis-sentenza 'Zarb vs Garnis' tat-8 ta' Mejju, 1926 per Imhallef Luigi Camilleri fejn kien ghamel ukoll riferenza ghal sentenza precedenti tieghu 'Formosa vs Zarb Cousin' deciza nhar il-11 ta' Settembru, 1922.

L-Imhallef jghid testwalment –

> L-istudju ezegetiku tad-disposizzjoni in kwistjoni huwa kontenut pjuttost f'din is-sentenza l-ahhar citata. Mill-ezami akkurat taghha jidher illi l-Imhallef Dr. Camilleri ried (u bir-ragun) jeskludi l-applikazzjoni ta' dak l-artikolu (u li kwindi l-preskrizzjoni tibqa miexja) meta l-hati jibqa mhux maghruf jew ghaliex dak li bi hsara tieghu jkun sar id-delitt ikun wera nuqqas kolpevoli ta' vigilanza biex jiskopri l-hati, avvolja 'egli (l-hati) fosse conosciuto nella communita' in cui il delitto fosse commesso', jew ghaliex tkun uriet dan in-nuqqas kolpevoli ta' vigilanza l-Pulizija. Infatti f'dan il-kaz l-azzjoni kriminali, u kwindi l-liberta ta' haddiehor, ma ghandhiex tibqa 'in sospeso' minhabba l-inkurja jew inerzja ta' min kellu l-interess jew id-dmir li jiskopri l-hati. L-ahhar konsiderando tas-sentenza fuq citata (pag. 939, Parte IV, Vol. XXV), juri li dan kien il-hsieb tal-gudikant;
>
> Gie anki ritenut f'dawk is-sentenzi (u gustament) illi d-disposizzjoni tal-art. 687 (allura 664) hi anke inapplikabbli meta l-hati jkun baqa' mhux maghruf lill-offiz ghaliex dan tal-ahhar kien assenti mill-Gzira; infatti l-assenza mhix kawza ta' sospensjoni tal-preskrizzjoni skond il-ligi;
>
> Issa fil-kaz prezenti, kien hemm dawn ic-cirkustanzi:-

1. Sciortino, sid il-karrettun, irraporta l-fatt tas-serq minn mindu sar (ara xhieda tieghu fol. 11);
2. Sciortino ma kienx assenti minn Malta f'dan l-intervall bejn is-serq u l-iskopriment tal-karrettun dan l-ahhar;
3. Ma jirrizultax illi fil-komunita fejn gie kommess id-delitt l-awtur kien konoxxut, u intant Sciortino ma hax passi;
4. Lanqas jirrizulta illi waqghu s-suspetti fuq xi hadd u, jew Sciortino jew il-Pulizija, ma ccaqalqux;

> Ghalhekk m'hemmx bizzejjed biex wiehed ikun legittimat li jghid li l-injoranza tal-identita' tal-awtur kienet relattiva ghal Sciortino biss, minhabba inkurja tieghu jew assenza tieghu, u lanqas biex wiehed jghid illi l-Pulizija baqghet inerti. Kieku kien hemm dan, wiehed kien jista' jghid li mhix applikabbli ghall-kaz id-disposizzjoni invokata mill-Prosekuzzjoni. Imma fil-kaz prezenti kien hemm l-injoranza assoluta, f'sens objettiv u generali. 'La parolo 'Ignoto' qalet din il-Qorti komposta minn tliet Imhallfin fil-kawza 'Rex vs Giovanni Buhagiar', 26 ta' Ottubru 1906, 'adoperata nell'articolo 654 (664) importa nell'autorita incaricata a scoprire i reati una ignoranza assoluta dell'autore di un delitto...'
>
> Ghalhekk l-Attorney General ghandu ragun meta jghid li f'dan il-kaz il-preskrizzjoni ma ddekorrietx, in forza tad-dispost tal-art. 687 Kap. 12, hlief minn mindu Sciortino sar jaf fejn kien jinsab il-karrettun tieghu u seta', b'hekk, jirrintraccja dawk li verosimilment setghu jkunu responsabbli quddiem il-ligi. Sciortino sar jaf dan xi xahar qabel ma xehed (huwa xehed fit-13 ta' Novembru, 1846) u ghalhekk it-terminu tal-preskrizzjoni ma ghaddiex;'

Fl-umli fehma tal-esponent din is-silta tigbor fiha gherf kbir li ghandu jigi nterpretat ghal dan il-kaz u b'xorti hazina l-interpretazzjoni ta' dan il-kaz f'diversi kazijiet successivi ma tirriflettix il-finezza legali li temergi minn din is-sentenza.

Per ezempju, jinghad li dan l-Artikolu 692 mhux applikabbli 'meta l-hati jibqa' mhux maghruf jew ghaliex dak li bi hsara tieghu jkun sar id-delitt ikun wera nuqqas kolpevoli ta' vigilanza biex jiskopri l-hati'. Fil-kaz de quo wahda mill-konsiderazzjonijiet maghmula mill-Qorti tal-Magistrati kienet li:

> Illi jemergi fi shih in-nuqqas kolpevoli ta' dan id-Dipartiment mix-xhieda ta' Louis St. Angelo fejn, in kontro – ezami, jirrizulta n-nuqqas ta' diligenza, nuqqas illi kkontribwixxa ghan-nuqqas ta' prevenzjoni tal-allegat agir kriminali li bih gew akkuzati l-imputati odjerni.

> Dan kien diga’ gie stabilit minn dina l-Qorti stess, diversament ippresjeduta, illi ghamlet mistoqsijiet hija stess sabiex tasal ghall-verita tikkwistjona l-funzjonabilita’ tad-dipartiment u tipprova tifhem ghaliex id-Direttur tad-Dipartiment ghabba lill-esponenti bl-akbar piz.

Bid-dovut rispett dan mhux dan li tghid is-sentenza Mikiel Agius. Fl-umli fehma tal-esponent, in-nuqqas kolpevoli msemmi fil-kaz Mikiel Agius mhux qed jirreferi ghal xi nuqqas kommess mill-vittma li kkontribwixxa ghall-kommissjoni tar-reat minhabba n-nuqqas ta’ prevenzjoni tal-agir kriminali kommess mill-imputati.

Allahares kien hekk. Altrimenti, sid ta’ dar, ragel onest li johrog mid-dar u li jaghlaq il-bieb ta’ barra minghajr ma jsakkru bic-cavetta, jkun ippenalizzat fil-kaz li halliel jidhol jisirqu f’daru sempliciment ghaliex sid id-dar ghalaq il-bieb minghajr ma sakkru u b’hekk ma jkunx ha mizura ta’ prevenzjoni addizjonali li jsakkar il-bieb ta’ barra bic-cavetta u mhux jaghlqu billi jigbed il-bieb warajh biss! X’inhu dak li l-ligi trid tittutela – id-dritt tac-cittadin onest li ma jigix misruq minn daru – anke jekk ma jsakkarx il-bieb ta’ barra bic-cavetta jew id-dritt tal-halliel li jiddeciedi li jisraq u li jigi vantaggat ghaliex ikun ibbenefika mill-azzjoni ta’ sid id-dar li ma jkunx sakkar il-bieb? Bid-dovut rispett, bil-bieb imsakkar bic-cavetta jew bil-bieb maghluq fuq is-serratura biss – il-halliel ma kellu qatt id-dritt li jidhol fid-dar tas-sid onest fl-ewwel lok u wisq anqas kellu d-dritt li jisirqu.

Apparti minn hekk dak li l-Imhallef William Harding ried jghid huwa li jrid ikun hemm in-nuqqas ta’ vigilanza fir-rigward tal-isforz li ghandu jsir biex jigi skopert min hu l-hati li jkun wettaq id-delitt (vigilantiam ex post facto u mhux vigilantiam ex ante facto). Dan ifisser illi qabel xejn irid ikun hemm ir-reat li jkun gie kommess u li jkun gie a konoxxenza tal-vittma tar-reat. Imbaghad jekk il-vittma tar-reat tonqos milli tagixxi u tkun vigilanti fl-isforzi taghha biex jigi skopert min wettaq ir-reat, allura hemmhekk jiskatta l-argument li l-Artikolu 692 ma japplikax.

Nuqqas ta’ vigilanza hawnhekk ma tfissirx li c-cittadin onest ikun naqas milli jaghmel xi haga biex jipprevjeni l-kommissjoni tar-reat. Nuqqas ta’ vigilanza tirreferi ghan-nuqqas negligenti ta’ dak li saritlu l-hsara biex jiskopri min kien id-delinkwent.

Anzi jekk gratia argomenti l-argument tal-Qorti tal-Magistrati jregi, dan ikun ifisser li min hu onest u jhaddem huwa mghobbi bil-piz u l-oneru li joqghod seqer li ma jigix migdum aktar milli l-piz u l-oneru qieghed fuq min jahdem li jgib ruhu skond il-ligi u l-onesta.

Bid-dovut rispett dan huwa anti – guridiku. Min ikun irid jiddelinkwi jaghzel li jabbuza mis-sistema precizament ghaliex ikun jaf liema huma dawk id-difetti jew deficjenzi fis-sistema u jkun jaf jisfurtta dawn id-difetti jew deficjenzi fl-ahjar taghhom sabiex jilhaq l-iskop illegali tieghu. L-argument tad-difiza, abbraccjat mill-Qorti tal-Magistrati jwassal ghall-konkluzjoni assurda li ghaliex persuna tkun kapaci tisfrutta dawn id-deficjenzi jew difetti fis-sistema kontra l-ligi jigi finalment premjat mill-Gudikant. Bid-dovut rispett min ihaddem ghandu d-dritt li jassumi li l-haddiem qieghed jahdem onestament u ghandu jistenna li l-haddiem ghandu jagixxi skond il-Ligi u l-onesta li huwa rikjest minnu. U huwa l-haddiem li ma jkunx qed jimxi ma dan il-precett tal-onesta u l-legalita li ghandu jigi penalizzat, u mhux min ihaddem li jkun qed jagixxi b'mod onest u ghax ma jkunx prevjena r-reat jigi penalizzat. Ghandu jigi penalizzat min jizbalja u jiddelinkwi – u mhux bil-maqlub.

Din il-linja t'argumentazzjoni tal-esponent issib il-konfort pjen taghha fis-silta tas-sentenza Mikiel Agius hawn fuq riportata:

> Infatti f'dan il-kaz l-azzjoni kriminali, u kwindi l-liberta ta' haddiehor, ma ghandhiex tibqa' 'in sospeso' minhabba l-inkurja jew inerzja ta' min kellu l-interess jew id-dmir li jiskopri l-hati. L-ahhar konsiderando tas-sentenza fuq citata (pag. 939, Parte IV, Vol. XXV), juri li dan kien il-hsieb tal-gudikant.

Apparti minn hekk kemm id-Direttur tal-Monte di Pieta u kif ukoll il-Pulizija agixxew immedjatament bl-investigazzjonijiet taghhom hekk kif ix-xamma tal-kommissjoni ta' reati kriminali gie fl-iskopert. Id-Direttur tal-Monte di Pieta, rraporta s-suspett ta' kommissjoni ta' reati kriminali meta ntebah bihom. Anzi sar stharrig aktar fil-fond wara li kien hemm ix-xamma ta' allegati reati minn-naha ta' Joseph Mifsud, u grazzi ghal stharrig ulterjuri li f'Ottubru, 2001, hareg fil-berah ukoll l-involviment tal-ko – imputati l-ohra. Qabel it-28 ta' Mejju, 2001, meta gie denunzjat lill-Pulizija li kien hemm suspett ragjonevoli ta' kommissjoni ta' reati da parti ta' Joseph Mifsud, ttiehdu passi mmedjati biex dan jigi skopert sewwasew. Qabel din id-data ma jirrizultax illi fil-komunita fejn gie kommess id-delitt, l-awtur kien konoxxut, u intant id-Direttur tal-Monte di Pieta ma hax passi; u lanqas jista' jinghad li d-Direttur tal-Monte di Pieta kienu waqghulu s-suspetti fuq xi hadd u jew id-Direttur tal-Monte di Pieta jew il-Pulizija, ma ccaqalqux.

In bazi ghal dawn il-konsiderazzjonijiet, u skond id-dettami tas-sentenza Mikiel Agius kwotata mill-Qorti tal-Magistrati stess f'dan il-kaz, m'hemmx bizzejjed biex wiehed ikun legittimat li jghid li l-injoranza tal-identita' tal-awtur kienet relattiva ghad-Direttur tal-Monte di Pieta biss, minhabba

inkurja tieghu jew assenza tieghu, u lanqas biex wiehed jghid illi l-Pulizija baqghet inerti. Kieku kien hemm dan, wiehed kien jista' jghid li mhix applikabbli ghall-kaz id-disposizzjoni invokata mill-Prosekuzzjoni. Imma fil-kaz prezenti kien hemm l-injoranza assoluta, f'sens objettiv u generali.

U anke hawn – huwa importanti jigu osservati l-kliem li jigu adoperati mill-Qorti Kriminali fil-kawza citata 'Rex vs Giovanni Buhagiar', 26 ta' Ottubru, 1906, fejn jinghad illi 'La parola 'Ignoto' adoperata nell'articolo 654 (664) importa nell'autorita' incaricata a scoprire i reati una ignoranza assoluta dell'autore di un delitto...'

L-awtorita nkarikata li tiskopri r-reati hija l-Awtorita tal-Pulizija Ezekuttiva u mhux il-Monte di Pieta. U zgur li sat-28 ta' Mejju, 2001, din l-Awtorita kien ghad ghandha injoranza assoluta dwar id-delitt nnifsu u wkoll dwar l-awtur tad-delitt.

Ghalhekk, l-esponent fil-kaz prezenti jtenni li ghandu ragun meta jghid li f'dan il-kaz il-preskrizzjoni ma ddekorrietx, in forza tad-disposta tal-art. 18 u 692 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, hlief minn mindu l-Monte di Pieta saret taf li gew kommess ir-reati, u b'hekk, setghu minn dak il-mument il-quddiem jirrintraccjaw dawk li verosimilment setghu jkunu responsabbli quddiem il-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-verbal tat-28 ta' Frar 2014 li permezz tieghu l-Avukat Generali ceda l-appell minnu maghmul fil-konfront tal-imputat Joseph Mifsud, u dan billi l-kaz tieghu ghadu *sub iudice*.

Rat illi fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2014, fid-dawl tall-verbal surriferit, din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta, astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-appell maghmul mill-Avukat Generali fil-konfront tal-imputat Joseph Mifsud.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

**Ikkunsidrat,**

Illi fl-ewwel lanjanza minnu intentata l-Avukat Generali jilmenta minn nuqqasijiet ta' natura procedurali fis-sentenza impunjata li jirrenduha irrita u nulla. Dan ghaliex fil-fehma tieghu s-sentenza hija nieqsa minn dikjarazzjoni espressa illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mid-difiza kienet qed tigi milqugha u dan referribbilment ghall-akkuzi kollha migjuba kontra l-appellati Noel Bartolo u Maria Concetta Spiteri. Fir-rigward tal-imputat Joseph Mifsud ghalkemm l-eccezzjoni giet milqugha fil-konfront tieghu in konnessjoni ma' uhud mill-akkuzi, madanakollu ma giex iddikjarat liema mill-akkuzi kienu gew estinti u ukoll l-Ewwel Qorti ma ghaddietx ghad-decizjoni taghha fil-konfront tal-akkuza jew akkuzi, li ghalkemm mhux iddikjarati, ma gietx milqugha l-eccezzjoni fil-konfront tal-istess. Jishaq ukoll illi gjaldabra fil-konfront tal-appellati l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni giet milqugha sabiex b'hekk l-azzjoni penali giet estinta l-Qorti kellha tghaddi biex tillibera lill-istess appellati mill-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom u mhux tiddikjara l-procediment ezawriet.

**Ikkunsidrat,**

Illi l-parti decizorja tas-sentenza impunjata taqra hekk:

> **"Illi jirrizulta li l-kazijiet ta` *overadvancements* saru fis-snin tmenin (1980s), ferm u ferm qabel ma ttiehdu dawn il-proceduri fil-2006, Mejju. Illi jirrizulta wkoll, mix-xhieda ta` Anthony Imbroll, illi d-dipartiment sar jaf b'dan l-allegat agir ftit wara li sehh l-irkant fejn id-deheb li kien ghall-bejgh instab li kien *overpriced*. Dan kien f'Mejju, 2001. Vide ittra ta` Albert Santucci (19 ta` Mejju, 2001). Billi l-imputati gew notifikati bl-imputazzjonijiet fis-26 ta` Mejju, 2006, jigi li huma gew notifikati tard b'sebat (7) ijiem. Dan ghall-akkuzi taht l-Artikoli 180 u 188. L-Artikolu 692 ma jistax japplika stante n-nuqqas ta` vigilanza ppruvata tad-Dipartiment illi naqas milli japponta nies idonei ghal dan ix-xoghol u billi**

**naqas milli jutilizza l-awdituri tieghu tant illi anke irregolaritajiet li kienu gew ikkagunati fis-snin tmenin (80), kienu ghadhom mhux skoperti ghoxrin sena wara. Illi, ghall-istess ragunijiet, dina l-Qorti tiddeciedi l-istess fil-konfront ta` dawk l-akkuzi li ghandhom perjodu ta` preskrizzjoni ta` sentejn u wkoll dawk ta` ghaxar snin.**

**Illi, pero, dina l-Qorti taghmel riferenza ghas-search li sar fid-dar ta` abitazzjoni ta` Joseph Mercieca fejn il-Pulizija sabet fil-pussess tieghu kwantita` ta` deheb, propjeta` tieghu li huwa kien rahan izda naqas milli jikkonsenjah fil-Monte di Pieta`, u rega` hadu d-dar. Dan sar fid-29 ta` Mejju, 2001. M'huwiex logiku li wiehed jistenna d-Dipartiment ikun jaf b'dan l-agir illegali ta` Mifsud stante li kien ikun difficli li jikkonstata dan meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz il-possibilita` li awdituri tad-dipartiment setghu jsostnu dawn jekk huma kienu qed jaghmlu xogholhom kif suppost. Fin-nuqqas ta` informazzjoni dwar meta Mifsud kien irtira dan id-deheb mill-Monte di Pieta` u minhabba li dan il-fatt kien gie skopert mill-Pulizija wara li kienet bdiet l-investigazzjoni taghhom wara li rcevew l-ittra mid-Direttur, dina l-Qorti waqt illi tiddikjara procediment ezawrit fil-konfront tal-imputati Maria Concetta sive Cettina Spiteri u fil-konfront ta` Noel Justin sive Noel Bartolo, qieghda wkoll tiddikjara procediment ezawrit fil-konfront tal-akkuzi kollha migjuba kontra Joseph Mifsud hlief fil-konfront ta` dawk li jikkoncernaw is-sejba ta` deheb fid-dar ta` residenza tieghu."**

Issa fil-kaz taht il-lenti ta' din il-Qorti, id-difiza issollevat l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fil-konfront tat-tlett imputati, minn liema decizjoni l-Avukat Generali hassu aggravat, izda matul il-mori tal-kaz, huwa irtira l-appell fil-konfront tal-imputat Joseph Mifsud billi il-kaz tieghu jidher li kien ghadu *sub iudice*, u allura il-jedd ghall-appell mid-decizjoni jitwieled biss mal-ghotja tas-sentenza definittiva. Dan ghaliex minn qari tad-decizjoni impunjata hawn fuq iccitata jirrizulta, ghalkemm mhux indikat fl-istess sentenza, illi xi uhud mill-akkuzi ma kenux gew dikjarati estinti u kwindi il-kawza tkompliet fil-konfront tal-imputat Joseph Mifsud, ghalkemm lanqas hemm indikat fuq liema akkuzi l-kaz kellu jitkompla.

Illi din il-Qorti mal-ewwel tistqarr illi ghalkemm d-decizjoni impunjata tippekka f'diversi istanzi, madanakollu n-nuqqasijiet ravvizati mill-Avukat Generali ma iwasslux ghan-nullita` konsegwenzjali tal-istess decizjoni ghal tal-inqas fil-konfront tal-appellati Bartolo u Spiteri. Dan ghaliex huwa evidenti mill-qari tal-parti decizorja tal-gudizzju illi l-Ewwel Qorti kienet qed tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mid-difiza ghalkemm ma stqarritx dan f'termini specifici u kwindi l-azzjoni penali fil-konfront taghhom giet estinta. Dan ghalkemm iddikjarat il-procediment ezawriet minflok ma ghaddiet ghal liberatorja tal-appellati.

Illi l-Qorti tista' tissindika d-decizjoni moghtija fil-konfront tal-appellati Bartolo u Spiteri billi huwa fil-konfront taghhom biss illi l-gudizzju gie konkluz, bl-appell fil-konfront tal-appellat Joseph Mifsud jigi irtirat mill-Avukat Generali tant illi din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta, astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta'l-istess u dan kif huwa rifless fil-verbal tas-seduta tal-10 ta' Novembru 2014.

Illi l-artikolu 413 tal-Kodici Kriminali, ghalkemm jitkellem fuq il-jedd tal-appell ta'l-Avukat Generali f'dawk il-kawzi li jaqghu taht il-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala qorti tal-gudikatura kriminali f'dawk id-decizjonijiet li, *inter alia,* jaqghu taht is-subartikolu (1)(iv)(ii) tieghu, u cioe' meta l-imputat jkun gie illiberat minhabba l-estinzjoni tal-azzjoni penali, jimponi fuq il-qorti li fid-decizjoni taghha issemmi car ir-raguni li tkun qed twassal ghal liberatorja tal-imputat u fin-nuqqas tali decizjoni tkun nulla. Issa minn qari tad-decizjoni impunjata jirrizulta illi l-Ewwel Qorti immotivat sewwa d-decizjoni taghha u ir-raguni lil wasslitha sabiex tqies illi l-azzjoni penali kienet giet estinta bit-trapass taz-zmien. Kwindi ghal dawn il-motivi din il-Qorti tqies illi mhijiex qed tirriavviza ebda nullita fid-decizjoni moghtija fil-konfront tal-appellati Bartolo u Spiteri. Illi ghalkemm, milqugha l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, l-Ewwel Qorti kellha tghaddi

biex tillibera lill-appellati, u mhux tiddikjara il-procediment ezawriet, madanakollu tali dikjarazzjoni xortawahda wasslet ghall-estinzjoni tal-azzjoni penali, b'tali nuqqas, fl-eventwalita` illi s-sentenza tal-Ewwel Qorti tigi ikkonfermata, huwa sanabbli minn din il-Qorti.

Ghaldaqstant l-ewwel aggravju qed jigi respint.

**Ikkunsidrat,**

**L-Avukat Generali fl-appell minnu intenta joggezzjoni ghad-decizjoni tal-Ewwel Qorti meta iddikjarat l-azzjoni penali preskritta fil-konfront tal-imputati Noel Justin sive Noel Bartolo u Maria Concetta sive Cettina Spiteri.**

Dan ghaliex gjaldarba fil-fehma tieghu sat-28 ta' Mejju 2001, jum meta l-kaz gie irrappurtat lill-pulizija, kemm ir-reat kif ukoll l-awtur jew awturi tar-reat kienu ghadhom mhux maghrufa, b'hekk il-preskrizzjoni ma setatx tibda tiddekorri u dan fit-termini ta'l-artikolu 692 tal-Kodici Kriminali.

Illi l-iskop wara l-istitut tal-preskrizzjoni huwa imsejjes fuq l-obbligu tal-istat, tramite il-pulizija ezekuttiva, illi jinvestiga u imexxi 'il quddiem l-azzjoni penali kontra l-awtur ta' reat kriminali u mhux jibqa' inattiv sabiex b'hekk isir iktar difficli kemm ghal prosekuzzjoni kif ukoll ghad-difiza li ressqu il-provi li jistghu jintilfu bit-trapass taz-zmien b'riskju li ssir ingustizzja kemm mal-awtur tar-reat kif ukoll mas-socjeta in generali.

Illi l-artikolu 692 tal-Kodici Kriminali  ihares milli z-zmien tal-preskrizzjoni ghad-delitti jibda miexi meta l-hati ma jkunx ghadu maghruf. Dan japplika allura bl-istess qies meta ir-reat innifsu jkun ghadu mistur.

Il-Professur Sir Anthony Mamo ighid hekk fin-noti tieghu fuq id-dritt penali:

**“Prescription in criminal matters, however, is founded not on any tacit or presumed abandonment of one’s own rights, but on the mere effect of the lapse of time which takes away the necessity and expediency of enforcing punishment. This fundamental fact gives rise to two principles. “The first is that even when the authorities or the persons in whom the action is vested are in fact prevented from instituting proceedings, either because the commission of the offence is ignored, or because the offender has absconded, or on account of any other legal impediment to the exercise of the criminal action, the prescription should run all the same in virtue of the principle upon which it is founded. To this theoretical reasoning, our Code had made an important exception. Sec. 664 [illum art. 692] lays down that in respect of crimes prescription does not run when the offender is unknown. <u>This word ‘unknown’ has been construed as meaning a total and absolute ignorance of the identity of the offender</u> and not any difficulty of convicting of the crime a person reasonably suspected of being the offender. (**sottolinjar tal-Qorti**)**

**“In Criminal Appeal ‘Formosa v. Zarb Cousin (Law Reports, Vol. XXV, Pt. iv, p. 936) it was stated that the provision that prescription does not run in respect of crimes when the offender is unknown must receive the strictest interpretation which harmonises it with the basic principles on which prescription is founded in criminal matters. The rule does not apply where the commission of the crime itself is unknown to the complainant or to the prosecutor. <u>The word unknown must be understood in an absolute way and not as referable to the complainant or prosecutor alone</u>, and it is necessary that the impossibility of discovering the offender’s identity be due to the malice or practices of the offender himself and not, for instance, to the absence of the complainant or prosecutor from these Islands. “The same principle that the ignorance of the commission of the crime itself, as distinct from the ignorance as to the author thereof, does not prevent the running of prescription was also affirmed in Criminal Appeal Police v. Coleiro, 26/7/412 , because as the Court observed, the rule ‘contra non valentem agree non currit praescriptio’ admitted in Civil Law, did not apply in criminal matters (cfr. Also Cr. App. 2 Dan kien Appell Kriminali fl-ismijiet Lucia Farrugia v. Ganni Coleiro deciz fis-26 ta’ Lulju 1941 per Imhallef W. Harding, Vol. XXXI.iv.407. Police v. Agius, 3/2/47).”**

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali ittrattat dina l-kwistjoni legali f'sentenza moghtija fit-30 ta' Ottubru 2001 f'kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Lorenzo sive Lorry Cuschieri", liema sentenza ghamlet referenza ghal gurisprudenza aktar antika fosthom ghas-sentenzi Formosa vs Zarb Cousin (11/09/1922) u Il-Pulizija vs Mikiel Agius (03.02.1947) fejn kien gie deciz:

> ***"delle dette leggi criminali, se stabilisce che la trascrizione per I delitti non corra quando il colpevole sia ignoto, esso deve interpretarsi nel senso gia da questa corte ritenuto nella sua decisione dell' 11/09/22 in re Luigi Formosa vs Carmelo Zarb Cousin, cioe' che sia ignoto non gia in modo relattivo al solo offeso e per ragioni non imputabili al colpevole, ma in senso obiettivo e generale per malizia e prattiche dello stesso colpevole."***

Dana ghaliex il-ligi tal-preskrizzjoni tolqot is-sustanza tal-azzjoni u mhux l-aspett procedurali taghha. Tirrigwarda l-fini li l-amministrazzjoni tal-gustizzja tfittex u cioe' illi bniedem ma jigix ipprocessat ghal xi azzjoni wara trapass twil ta' zmien meta il-provi li jridu jigu prodotti quddiem il-Qorti ikunu jew intilfu jew gew offuskati minhabba it-telfien tal-memorja tax-xhieda li jigu prodotti.

Tkompli tghid hekk id-decizjoni:

> **"IIlli .... l-Qorti ta' l-Appell irribadiet il-principju li l-kliem "mhux maghruf" kontemplati fl-Artikolu precitat (Dak iz-zmien l-Artikolu 687) ghandu jinghata sinifikat assolut fis-sens ta' "una ignoranza assoluta dell'autore di un delitto" u m'huwiex bizzejjed li l-injoranza ta' l-identita' ta' l-awtur tkun biss relattiva ghall-parti leza. In konkluzzjoni fuq il-punt legali sollevat, il-Qorti tosserva li, sabiex it-terminu preskrizzjonali ma jibdiex jiddekorri, a tenur ta' l-Artikolu 692 tal-Kap 9, irid ikun hemm 'ignoranza assoluta' ta' l-awtur tad-delitt. Illi fil-kaz in dizamina, dan l-element ma jikkonfigurax."**

**Ikkunsidrat,**

Illi l-appellati jinsabu mixlija bir-reati ikkontemplati fl-artikoli 125, bl-aggravanti mahsub fl-artikolu 126 tal-Kodici kriminali, kif ukoll tar-reati mahsuba fl-artikoli 138, 180, 188 u 189 tal-Kodici Kriminali fil-forma kontinwata taghhom u dan kif rifless fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tat-30 ta' Gunju 2009.

Illi d-difiza ecceppiet il-preskrizzjoni tal-azzjoni penali a tenur tal-artikolu 688(d) u (e) tal-Kodici Kriminali bit-trapass ta' hames snin u sentejn, liema eccezzjoni giet milqugha mill-Ewwel Qorti. Dan ghaliex ir-reati mahsuba fl-artikolu 138 u 189 huma milquta bil-preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn billi igorru piena ta' mhux aktar minn sena prigunerija, filwaqt illi r-reati ikkontemplati fl-artikoli 125 u 126, 180 u 188 jaqghu bid-dekors ta' hames snin u dan billi l-piena teccedi s-sena prigunerija.

Issa fil-komputazzjoni tal-piena u dan biex jigi stabbilit liema perijodu ta' preskrizzjoni ghandu jigi applikat ghar-reat, l-artikolu 689 tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk:

> **Għall-effetti tal-preskrizzjoni għandu jittieħed qies tal-piena li għaliha r-reat ikun <u>ordinarjament suġġett</u>, apparti minn kull skuża jew ċirkostanza oħra partikulari li, minħabba fiha, skont il-liġi, ir-reat ikun suġġett għal piena iżgħar; lanqas ma għandu jittieħed qies taż-żieda fil-piena minħabba reċidiva.**

Illi minn ezami tal-atti ghandu johrog illi c-citazzjoni fil-konfront tal-appellati giet intavolata mill-Prosekuzzjoni fit-23 ta' Mejju 2006, bl-appellati jigu innotifikati bl-istess fis-26 ta' Mejju 2006[1]. L-att materjali tar-reati li dwarhom l-appellati

[1] Ara dokumenti CB6 u CB8

jinsabu mixlija allegatament sehhew bejn l-1984 u is-sena 2001, bl-appellati madanakollu jibdew jokkupaw il-kariga taghhom bhala “Keeper and Appraisers of Pledges I” biss ghal bidu tas-snin 90.

Issa mix-xiehda tal-Supretendent Carmelo Bartolo li allura kien l-ufficjali tal-pulizija li kien qed imexxi l-investigazzjonijiet ta’ dan il-kaz, jirrizulta illi huwa kien ircieva istruzzjonijiet biex inhiedi l-istharrig fil-jum tat-28 ta’ Mejju 2001, l-istess jum li fih jidher illi id-Direttur tad-Dipartiment li imexxi il-Monte di Pieta’, Anthony Imbroll ghamel ir-rapport mal-pulizija. Mill-istharrig li sar minnu id f’id mad-Direttur u l-Konslu Anzjan tal-Monte di Pieta’, il-Pulizija wasslet biex tixli lill-appellati flimkien mal-ko-akkuzat Joseph Mifsud bir-reati lilhom addebitati fl-akkuza  hames snin wara, f’Mejju 2006, bic-citazzjoni, kif inghad, tigi imressqa il-Qorti fit-23 ta’ Mejju 2006.

Illi dan ir-reat sar maghruf lill-pulizija wara li l-Kummissarju tal-Pulizija kien irceva rapport minn ghand is-sur Anthony Imbroll, Direttur *Capital Transfer Duty Department*, dwar allegati nuqqasijiet illi id-dipartiment kien irriskontra fil-valutazzjoni tad-deheb u oggetti prezzjuzi li kienu qed jigi mirghuna minn nies fejn allura l-*appraisers* taghhom kienu qed jaghtu bhala self lil dawn in-nies ammont ta’ flus li kien jeccedi l-valur tad-deheb jew oggetti prezzjuzi li kienu jingahtaw bhala rahan ghal dak is-self. Dawn in-nuqqasijiet gew indikati lid-Dipartiment u precizament lil Konslu Anzjan Louis Sant’Angelo mill-irkantatur Albert Santucci li kien gie mahtur sabiex jaghmel l-irkant ta’dawk l-oggetti prezzjuzi li kienu jibqghu ghand id-Dipartiment u fejn allura il-persuna li jkun tat l-oggett b’rahan ma tkunx marret lura ghalih u hallset lura s-self moghti. Jidher illi f’dan l-irkant kien hemm oggetti li kienu ilhom ghand id-Dipartiment sahansitra mis-sena 1986.

l-Irkantatur kien informa lid-Dipartiment illi minhabba l-fatt illi uhud mill-oggetti kienu gew *overpriced* mill-*appraiser* meta l-oggett ikun gie mirghun, kien qed jigri li l-klijent ikun gie moghti bhala self ammont ta' flus iktar minn kemm jiswa l-oggett mirghun. Huwa jistqarr illi minhabba f'dan l-agir minn naha tal-impjegati tad-Dipartiment kien qed isib diffikulta biex ibiegh l-istess oggetti, billi hadd ma kien qed jithajjar jakkwistahom  b'valur oghla minn dak fis-suq. Fil-fatt Santucci jibghat ittra lis-sur Sant'Angelo biex jinfurmah b'din il-problema u dan fid-19 ta' Mejju 2001. Is-sur Sant'Angelo igib dan il-fatt ghall-attenzjoni tas-superjur tieghu fit-23 ta' Mejju 2001 ghalkemm fil-*file* hemm immarkat illi l-ittra ghaddiet ghand s-sur Imbroll fil-25 ta' Mejju 2001[2]. Jidher mill-*file* illi fis-26 ta' Mejju 2001 is-sur Imbroll baghat jinforma b'dan lill-Avukat Generali u tallbu parir kif ghandu jimxi. L-Avukat Generali jaghtih parir biex jaghmel rapport lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga il-kaz. Ir-rapport isir fit-28 ta' Mejju 2001, tant illi Imbroll fix-xiehda tieghu ighid illi nofs siegha wara li baghat il-karti lill-Kummissarju tal-Pulizija, dan icempillu u minnufih baghat lis-supretendent Bartolo biex jibda imexxi 'il quddiem l-investigazzjonijiet – investigazzjonijiet li jidher li hadu hames snin biex jigu konkluzi tant illi c-citazzjoni tigi ipprezentata l-Qorti kif inghad fit-23 ta' Mejju 2006, bit-tlett akkuzati jigu innotifikati fis-26 ta' Mejju tal-istess sena.

Issa mill-atti processwali jemergu ukoll s-segwenti fatti.

1. Illi mix-xiehda ta'l-irkantatur Albert Santucci jidher illi l-ewwel irkant kien fil-fatt sar sentejn qabel u ghalhekk ghal habta tal-1999[3] meta ighid ix-xhud hu kien diga gibed l-attenzjoni tas-sur Sant'Angelo dwar

[2] Ara notamenti fil-file a fols.131 et

[3] Ighid hekk Santucci fix-xiehda tieghu: "Fl-irkant ta' sentejn qabel kont ghamilt l-istess suggerimenti. Jien mas-sur Sant'angelo kelli x'naqsam dejjem. Dan kien qalli mhux minni jiddependi."

il-problema tal-*over-valuations* u l-konsegwenzjali *over-advancements*. Jidher illi din il-problema aggravat ruhha meta sar it-tieni rkant fl-2001 billi l-valur tal-istess oggetti li ma kenux inbieghu fl-ewwel irkant kien zdied x'aktarx billi baqghu jiddekorru l-imghaxijiet fuq l-ammont misluf.

2. Illi ghalkemm ghandu isir irkant tal-oggetti mirghuna wara tlett snin li jkun gie moghti is-self u dan ma jkunx thallas lura, fit-termini tal-artikolu 5(1) tal-Kapitolu 269 tal-Ligijiet ta' Malta[4], jidher madanakollu illi l-ahhar irkant li kien sar kien jirrisali ghas-sena 1994 u dan kif johrog mix-xiehda ta' Louis Sant'Angelo.

3. Illi mir-rapport tal-Bord Intern mahtur mid-Dipartiment biex jinvestiga dan il-kaz datat 11 ta' Ottubru 2001[5] irrizultaw s-segwenti nuqqasijiet, fost ohrajn, fit-tmexxija tal-Monte di Pieta' u cioe': "*Incomplete cash records due to loss of a cash register covering the period 28th April 1993 – 26th December 1993*"; kif ukoll "*Inadequate cash book entries*", liema nuqqasijiet ma jirrizultax (ghal ta'l-inqas mill-provi li hemm fl-atti) li kienu imputabbli lill-appellati.

4. Jidher illi l-investigazzjonijiet dwar dawn il-*pledges* "dubbjuzi" allura inbdiet zgur mid-19 ta' Mejju 2001, bl-ittra ta' Albert Santucci li wasslet lid-direttur biex jitlob il-parir tal-Avukat Generali kif kellu jimxi meta imbaghad jigi riferut ghand il-pulizija u wara tniehdet investigazzjoni interna ukoll mid-Dipartiment.

5. Illi l-irregolaritajiet li instabu minn dawn l-investigazzjonijiet kienu ikopru il-perijodu bejn l-1984 u is-sena 2001, biz-zewg appellati jiehdu il-kariga taghhom bhala "*Valuers and Appraisers of Pledges*" mis-sena 1992/1993[6].

---

[4] **-self m'għandux isir għal żmien speċifikat, u kull oġġett mogħti b'rahan bħala garanzija għal self jista' jiġi mifdi f'kull żmien mal-ħlas tal-ammont tas-self u kull imgħax li jkun hemm dovut fuqu**

**-self kollu għandu, jekk ma jiġix imġedded, jitħallas lura fi żmien tliet snin mid-data li fiha jkun sar**

**kull rahan li jibqa' mhux mifdi fl-imsemmi żmien ta' tliet snin għandu jinbiegħ b'irkant pubbliku, u meta l-prezz li bih ir-rahan jinbiegħ ikun iżjed mill-ammont dovut lill-Gvern dwar is-self, magħdud kull imgħax li jkun dovut sakemm il-prezz tar-rahan mibjugħ jiġi riċevut mill-Gvern, kull eċċess bħal dak għandu jitħallas lis-sid tar-rahan mal-konsenja ta' kull biljett maħruġ dwar is-self.**

[5] Fol.132 et seq tal-process.

[6] Ara xiehda Ivan Portelli – Spiteri 10 ta' Mejju 1993 u Bartolo mis-17 ta' Gunju 1992

6. Illi l-*pawning tickets* esebieti in atti igorru il-firma ta' Joseph Mifsud u dan kif ikkonfermat mir-rapport tal-espert Dr. Martin Bajada, bl-*over-advancements* li isiru mill-appellati, fil-maggior parti taghhom isiru allegatament fuq parir ta' Mifsud jew ghax ikunu hennew ghan-nies. Dan jidher li sehh bejn l-1994 u l-2001.

Illi esposti dawn il-fatti probatorji, allura din il-Qorti issibha kemmxejn difficli temmen illi f'dan il-kaz setghet tezisti injoranza assoluta dwar dak li kien qed jigri. Lanqas ma jirrizulta illi l-appellati kienu permezz ta' xi maniggi jew raggiri jadoperaw xi ingann sabiex jipprovaw jahbu dak li kienu qed jaghmlu, b'sahansitra, allegatament, hafna mill-okkazzjonijiet fejn sar xi *overadvancement* isir fuq parir ta' Joseph Mifsud.

Illi mir-rapport intern li sar mid-Dipartiment jidher illi matul medda twal ta' snin kien hemm traskuragini kbira fl-operat tal-Monte di Pieta', tant illi kien hemm dokumenti importanti neqsin bhal *cash register* fejn jidher illi hadd ma kien induna bin-nuqqas tieghu. Nuqqas kbir iehor fl-operat tad-Dipartiment kien illi ma kienx isir *assessment* regolari, kif *del resto* titob il-ligi, tal-oggetti li jkunu gew mirghuna u ghalhekk wisq inqas kien qed isir rendikont tal-self li jsir meta l-oggetti jigu mirghuna u s-self jibqa ma jithallasx. Illi skont il-ligi dan l-ezercizzju kellu isir tal-inqas darba kull tlett snin fejn l-oggetti li ma jigux reklamati mill-gdid mis-sidien taghhom u allura is-self jibqa' ma jithallasx jigu irkantati sabiex il-Gvern ikun jista' jigbor il-flus li jkun sellef u li ma thallasx lura. Illi jidher ukoll illi l-impjegati kellhom *mano libera* fit-tmexxija tad-Dipartiment minghajr supervizjoni adegwata tant illi dan il-kaz kien jitratta *pledges* u *payment vouchers* li jirrisalu sahansitra sas-sena 1984, bl-ahhar irkant li isir fl-2001 jigu mirghuna oggetti li kienu ilhom f'idejn id-dipartiment sa mis-snin tmenin. Li kieku d-Dipartiment kien iktar vigilanti zgur li kemm il-vjolazzjonijiet ta' dritt li kienu qed isehhu, kif ukoll il-persuna jew persuni responsabbli ghal tali

nuqqasijiet setghu facilment jigu maghrufa, kif saru maghrufa meta finalment id-Dipartiment stenbah u inbdiet investigazzjoni serja fuq l-operat tal-Monte di Pieta' u l-impjegati tieghu, u dan ghaliex in-nuqqasijiet gew ventilati lilhom mill-Irkantatur.

Dan ifisser illi l-Qorti ma tistax taqbel mal-lanjanza ventilata mill-Avukat Generali diretta lejn is-sentenza appellata billi hawn ma tezistix xi injoranza assoluta jew xi impediment assolut li kien izomm lill-vittma ta' dan ir-reat milli jinduna b'dak li kien qed isehh taht imniehru!

Illi anke jekk *gratia argomenti* din il-Qorti kellha taghti ragun lill-Avukat Generali u cioe' illi l-preskrizzjoni setghet tibda tidekorri biss minn Mejju 2001, xortawahda ir-reati addebitati liz-zewg appellati Bartolo u Spiteri huma preskritti billi jidher illi mhux biss id-Dipartiment tal-Monte di Pieta kien baqa' inattiv ghal diversi snin, izda din l-inattivita' ghaddiet sahansitra ghand il-Pulizija li damu hames snin biex jikkonkludu investigazzjoni li kienet tohrog mid-dokumenti ufficjali tad-Dipartiment. Fil-fatt ghalkemm illum il-gurnata l-istqarrija rilaxxjata mill-appellati ma ghandiex aktar valur probatorju, madanakollu din il-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva illi l-appellati Spiteri u Bartolo gew l-ewwel darba mitkellma mill-pulizija fit-18 u il-25 ta' Frar 2003 u cioe' kwazi sentejn wara li kienu bdew l-investigazzjonijiet kriminali fuq il-kaz.

Illi dwar ir-reati li jaqghu taht id-disposizzjonijiet tal-artikolu 138 u 189 tal-Kodici Kriminali billi dawn ma igorrux piena li teccedi is-sena prigunerija, kwindi l-azzjoni penali taqa' bid-dekors ta' sentejn, perijodu ta' zmien li zgur lahaq idekorra mill-2001. Illi fir-rigward ta' dawk ir-reati mahsuba fl-artikoli 125,126, 180 u 188 tal-Kodici Kriminali u li allura igorru perijodu preskrittiv ta' hames snin, ghandu johrog mill-atti illi l-ewwel darba li d-Dipartiment jidher li gie ufficjalment avzat bin-nuqqasijiet li kienu qed isehhu, (ghalkemm seta' facilment

jinduna bihom hafna qabel) kien fid-19 ta' Mejju 2001. F'din id-data jidher illi t-tlieta minn nies li kienu jokkupaw il-kariga ta' *Keepers and Appraisers of Pledges* kienu Joseph Mifsud li kienu ilu jokkupa din il-kariga sa mit-tmeninijiet meta kien ghamel snin jokkupa dina l-kariga wahdu, u Spiteri u Bartolo, l-appellati odjerna sa mis-snin 1992/1993. Illi allura din kienet id-data meta Louis Sant'Angelo bhala Konslu Anzjan fil-Monte di Pieta sar jaf illi kien hemm dawn in-nuqqasijiet, ghalkemm Santucci jixhed illi kien diga' gharrfu b'dan informalment u mhux bil-miktub sentejn qabel. Tant hu hekk illi fit-23 ta' Mejju 2001 huwa informa lis-superjur tieghu u cioe' lil Anthony Imbroll id-Direttur li minn naha tieghu fittex il-parir tal-Avukat Generali. Kwindi anke il-hames snin kienu lahhqu iddekorrew u dan sal-gurnata meta l-appellati gew innotifikati bic-citazzjoni fis-26 ta' Mejju 2001.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti ma issib l-ebda mottiv li jista' igieghlha titbieghed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-appell tal-Avukat Generali qed jigi michud bis-sentenza appellata fil-konfront tal-appellati Noel Justin sive Noel Bartolo u Maria Concetta sive Concetta Spiteri tigi ikkonfermata, b'dan ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mid-difiza fir-rigward tal-akkuzi addebitati lil dawn iz-zewg appellati qed tigi milqugha u l-appellati qed jigu ghalhekk illiberati minn kull imputazzjoni u htija.